MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1333/2003

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Shawn Brincau**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm121.00) in kwantu ghas-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110.00) import ta' erba' kambjali annessi mal-avviz u mmarkati Dok.1,2,3 u 4 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' hdax-il lira Maltija (Lm11.00) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut sad-data tal-prezentata ta' l-avviz;**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont huwa dovut kif intqal fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija (Lm121.00) bl-imghax legali ulterjuri mit-2 ta' Lulju, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------